MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Numru 795/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**Rodnick Ellul**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' l-Erbgha 26 ta' Novembru, 2014**

Kaz Nru: 795/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Rodnick Ellul detentur tal-karta ta' l-identita' 400492M:

1. Talli nhar it-8 ta' Marzu 2014, ghall-habta ta' bejn il-11:00am gewwa Triq Santa Duminka, Zabbar volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tat-tip Toyota vitz bin-numru tar-registrazzjoni TFI-277, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) izda anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija) ghad-detriment ta' Emanuel Teuma u/jew persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal Emanuel Teuma, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 52456M u kkagunalu griehi ta' natura hafifa, skond ma ccertifika Dr Stephen Spiteri MD, u dan bi ksur ta' l-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk din hija sodisfacentement ippruvata.

Rat il-verbal tas-seduta tallum minn fejn jirrizulta li l-hsara sofferta fil-vettura TF1 277 gew saldati fl-intier taghhom u semghet li l-parte leza hafer lill-imputat tal-akkadut li ddikjara li m'ghandux aktar interess f'dawn il-proceduri.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li l-hsara thallset, li l-imputat skuza ruhu tal-akkadut u l-fedina penali ta' l-imputat hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sena millum. Il-Qorti tiddikjara

procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni imputazzjoni in vista tar-rinunzja tal-parte leza.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda mal-piena imsemmija u biex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Emanuel Teuma u sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, il-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu innifsu skont kif provdut fid-digriet relattiv moghti llum stess u liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata; kif ukoll wissiet lill-imputat bi kliem semplici l-konsegwenzi legali li jkollu jiffaccja f'kaz li jikser il-garanzija li qed tigi imposta fuqu ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta bid-Digriet imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------